Nru./No. 21,450
Prezz/Price
€5.22

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju, 2025
Friday, 6th June, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7473 - 7489
Government Notices ..... *7473 - 7489*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7489 - 7499
Police Notices ..... *7489 - 7499*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7499 - 7501
Notices to Mariners ..... *7499 - 7501*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7502 - 7562
Employment Opportunities ..... *7502 - 7562*

Avviżi tal-Gvern ..... 7562 - 7568
Notices ..... *7562 - 7568*

Offerti ..... 7569 - 7574
Tenders ..... *7569 - 7574*

Avviżi tal-Qorti ..... 7575 - 7584
Court Notices ..... *7575 - 7584*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 863

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat il-ħatra bħala Aġent Avukat Ġenerali ta' Dott. Kevin Valletta, Avukat Anzjan, bejn il-21 u t-23 ta' Mejju, 2025.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

Nru. 864

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XIV tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

Nru. 865

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA

Ħatra ta' Membru fuq l-Isteering Committee tad-Dwejra

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika approvat il-ħatriet li ġejjin fuq l-Isteering Committee tad-Dwejra:

Dott. Sandro Lanfranco bħala Chairperson għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mis-26 ta' Mejju, 2025;

Is-Sa Anna Galea bħala Segretarja għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mill-11 ta 'April, 2025.

L-4 ta' Ġunju, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 863

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting Attorney General of Dr Kevin Valletta, Senior Lawyer, between the 21st and the 23rd of May, 2025.

6th June, 2025

No. 864

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIV of 2025 entitled the Employment and Industrial Relations (Amendment) Act, 2025.

6th June, 2025

No. 865

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND PUBLIC CLEANLINESS

Appointment of Member on the Dwejra Steering Committee

IT is notified for general information that the Minister for the Environment, Energy, and Public Cleanliness has approved the appointment of the following persons to serve on the Dwejra Steering Committee:

Dr Sandro Lanfranco as Chairperson for a period of one (1) year with effect from 26th May, 2025;

Ms Anna Galea as Secretary for a period of one (1) year with effect from 11th April, 2025.

4th June, 2025

Nru. 866

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' membri fuq il-Panel Multidixxiplinarju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għoġbu jaħtar lill-persuni li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Panel Multidixxiplinarju għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

Occupational Therapists
Is-Sa Lorraine Alison Attard
Is-Sa Sharon Cutajar

Psikologi
Is-Sa Cher Vella Laurenti Engerer
Dott. Josette Barbara Cardona

Psikjatri
Dott. Ethel Felice
Dott. John Mifsud

Ħaddiema Soċjali
Is-Sa Alexia Vella
Is-Sa Ariana Attard

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-30 ta' Mejju, 2025.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 866

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of members on the Multi-disciplinary Panel

IN exercise of the powers vested in him by section 106 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for Social Policy and Children's Rights is pleased to appoint the persons shown hereunder to be members of the Multi-disciplinary Panel for the purposes of the said Act.

Occupational Therapists
Ms Lorraine Alison Attard
Ms Sharon Cutajar

Psychologists
Ms Cher Vella Laurenti Engerer
Dr Josette Barbara Cardona

Psychiatrists
Dr Ethel Felice
Dr John Mifsud

Social Workers
Ms Alexia Vella
Ms Ariana Attard

These appointments are for a period of one year with effect from 30th May, 2025.

6th June, 2025

Nru. 867

ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	9.6.2025 - 12.6.2025

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 867

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

6th June, 2025

Nru. 868

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikoltura approva li nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku u jkun taħt il-kontroll ta' Rebecca McCarthy.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 868

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Friday, 13th June, 2025, and will be under the control of Rebecca McCarthy.

6th June, 2025

Nru. 869

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 12 ta' Frar, 2025, mogħtija minn Circuit Court, Fourth Judicial Circuit, in and for Duval County, Florida fl-Istati Uniti tal-Amerika, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 869

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 12th February, 2025, issued by Circuit Court, Fourth Judicial Circuit, in and for Duval County, Florida in the United States of America is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

6th June, 2025

Nru. 870

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 19 ta' Diċembru, 1969, mogħtija minn Chippenham County Court fl-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 870

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 19th December, 1969, issued by Chippenham County Court, United Kingdom, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

6th June, 2025

Nru. 871

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA ttal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 17 ta' Ġunju, 1970, mogħtija mill-Colchester and Clacton County Court fl-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 871

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 17th June, 1970, issued by Colchester and Clacton County Court, United Kingdom, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

6th June, 2025

Nru. 872

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rapport Numru: 153/2025

B'DIGRIET tal-21 ta' Mejju, 2025, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili ordnat il-waqfien b'seħħ immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dott. George Spiteri Debono mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2025, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Dott. George Spiteri Debono, issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum 30 ta' Mejju, 2025

No. 872

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Report Number: 153/2025

BY DECREE of the 21st May, 2025, the Court of Revision of Notarial Acts, ordered the suspension with immediate effect of the partial incapacitation of Notary Dr George Spiteri Debono from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 11th March, 2025, as it now appears that the same Notary Dr George Spiteri Debono has now complied with the Law and the Order of this Court.

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today 30th May, 2025

Nru. 873

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-23 ta' Ġunju, 2025.

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
San Ġwann	Gaynor Bajada

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 873

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from 23rd June, 2025.

Local Council	*Executive Secretary*
San Ġwann	Gaynor Bajada

6th June, 2025

No. 874

DIPARTIMENT GĦAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Liġi	Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att emendatorju"
Attività li għandha tiġi regolata	Estensjoni fil-preskrizzjoni u żieda fil-pieni għal reati li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali"
Entità responsabbli	Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

2. Taqsira u l-isfond

2.1 L-għan u l-objettivi tal-Att emendatorju

Bħalissa l-Att prinċipali jimponi perjodu preskrittiv relattivament qasir għal dawn ir-reati, u jippermetti multi b'impatt limitat. Dan wassal biex ikun hemm sfidi sabiex jiġi żgurat li l-prinċipal akkużat jitressaq il-Qorti fil-ħin u biex jiġu indirizzati prattiċi ħżiena, speċjalment f'każijiet ta' insolvenza. Dawn l-emendi għandhom żewġ għanijiet:

1. li jemendaw l-artikolu 45 tal-Att prinċipali biex jiżdiedu l-pieni għal reati mwettqa minn principal taħt l-istess Att; u

2. li jemendaw l-artikolu 47 tal-Att prinċipali rigward il-perjodu preskrittiv ta' dawn ir-reati biex jirrifletti ż-żieda fil-pieni.

Dawn l-emendi qed jiġu proposti f'kuntest usa' biex tiżdied ir-responsabbiltà fuq prinċipali li jonqsu milli jikkonformaw mal-kondizzjonijiet rikonoxxuti tal-impjieg. B'riżultat ta' dan, il-perjodu preskrittiv għal dawn ir-reati sejiġi estiż. Din l-estensjoni se tagħti aktar żmien lill-ħaddiema affettwati biex ifittxu rimedju, filwaqt li se jkunu imposti multi ogħla sabiex jiskoraġġixxi l-abbuż.

L-awtoritajiet ser ikollhom aktar żmien biex jinvestigaw, jintermedjaw, u jressqu każijiet quddiem il-Qorti. Għalhekk ser jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ħaddiema ġieli ppruvaw ifittxu rimedju iżda sabu li l-kawżi tagħhom kienu preskritti, każijiet fejn il-Pulizija ma setgħetx tinnotifika lill-prinċipal fil-ħin minħabba li l-investigazzjonijiet ikunu għadhom għaddejjin, jew sitwazzjonijiet fejn il-prinċipal ma setax jinstab jew ikun ħarab mill-pajjiż.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

L-Att emendatorju huwa magħmul minn tliet (3) artikoli kif ġej:

Artikolu 1 – Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ;

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Artikolu 2 – Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali;

Artikolu 3 – Emenda tal-artikolu 47 tal-Att prinċipali.

4. Kummentarju

Artikolu 2: Il-pieni taħt l-artikolu 45 tal-Att prinċipali se jiġu riveduti biex jimponu multa ta' bejn elfejn ewro (€2,000) u ħamest elef ewro (€5,000) għall-prinċipali li jinstabu ħatja l-ewwel darba. Jekk il-prinċipal ikun instab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi wara li kiser id-dispożizzjonijiet tal-Att prinċipali, il-multa għandha tkun ta' mhux inqas minn ħamest elef ewro (€5,000) u mhux aktar minn sebat elef ewro (€7,000).

Artikolu 3: Il-perjodu preskrittiv taħt l-artikolu 47 tal-Att prinċipali se jiġi estiż minn sena (1) għal sentejn (2). Din l-estensjoni se tagħti aktar żmien lill-Awtoritajiet biex jieħdu azzjoni legali kontra min iħaddem li jiksru r-regolamenti dwar il-pagi, speċjalment f'każijiet fejn jiġu involuti proċeduri ta' insolvenza jew komplikazzjonijiet oħra.

5. Sezzjonijiet konklużivi

L-Att emendatorju għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta tal-Gvern u dan skont l-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512).

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:

Id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg,
121, Triq Melita,
Valletta - Malta,
VLT 1121

Customer Support
109, Triq Melita,
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telefon
1575 Għall-Ħaddiema
1576 Għall-Prinċipali

Email
info.dier@gov.mt

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut għalih jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 874

DEPARTMENT FOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of legislation	An Act to amend the Employment and Industrial Relations Act, hereinafter referred to as the "amending Act"
Regulated activity	Extension of prescription and an increase in the punishments for offences falling under the Employment and Industrial Relations Act, hereinafter referred to as the "principal Act".
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and Background

2.1 Purpose and objectives of the amending Act

Currently, the principal Act imposes a relatively short prescriptive period for these offences and allows for fines (multi) with limited impact. This has led to challenges in ensuring that accused employers are brought to court in time and in addressing poor employment practices, particularly in cases of insolvency.

These amendments have two objectives:

1. to amend article 45 of the principal Act to increase the punishments for offences committed by employers under the same Act; and

2. to amend article 47 of the principal Act regarding the prescriptive period of such offences, reflecting the increase in punishments.

These amendments are being proposed within a broader context to increase the responsibility of employers who fail to comply with recognised employment conditions. As a result, the prescriptive period for these offenses will be extended. This extension will grant affected workers more time to seek remedies while imposing higher fines to discourage abuse.

The authorities will have more time to investigate, mediate, and bring cases before the Court. This will address situations where workers tried to seek remedies but found their claims were time-barred, cases where the Police were unable to notify the employer in time due to ongoing investigations, or instances where the employer could not be located or had fled the country.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending Act is made up of three (3) articles as follows:

Article 1 – Short title and commencement;

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

Article 2 – Amendment of article 45 of the principal Act;

Article 3 – Amendment of article 47 of the principal Act.

4. Commentary

Article 2: The punishments under article 45 of the principal Act will be revised to impose a fine (*multa*) ranging between two thousand euro (€2,000) and five thousand euro (€5,000) for principals found guilty for the first time. If a principal is found guilty a second time or on subsequent occasions of breaching the provisions of the principal Act, the fine (*multa*) shall be no less than five thousand euro (€5,000) and no more than seven thousand euro (€7,000).

Article 3: The prescriptive period under article 47 of the principal Act will be extended from one (1) year to two (2) years. This extension will provide the Authorities with more time to take legal action against employers who breach wage regulations, particularly in cases involving insolvency proceedings or other complications.

5. Concluding sections

The amending Act shall come into force within two (2) months from its date of publication in the Government Gazette and this in accordance with article 3(2)(b) of the Small Business Act (Cap. 512).

For further information please contact:

Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street,
Valletta - Malta
VLT 1121

Customer Support
109, Melita Street,
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for Workers
1576 for Employers

Email:
info.dier@gov.mt

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute for it or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes are not intended as an authoritative decision on the interpretation of the legislation.

6th June, 2025

No. 875

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Noti ta' Spjegazzjonii[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti emendatorji")
Attività li għandha tiġi regolata	Il-preskrizzjoni ta' amfetamini minn psikjatri u tobba. Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18) (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali" għandhom jiġu emendati)
Taqsima responsabbli	Sovrantendenza tas-Saħħa Pubblika (SSP)

2. Taqsira u l-isfond

2.1 Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

Biex tiġi eliminata l-burokrazija bla bżonn fil-proċedura attwali għall-preskrizzjoni tal-amfetamini (prinċipalment id-dexamfetamina).

2.2 Importanza tal-leġiżlazzjoni

It-tneħħija tal-burokrazija bla bżonn se tgħin lil dawk li jippreskrivu biex jippreskrivu l-amfetamini aktar faċilment lill-pazjenti li jeħtieġuhom.

2.3 Proċess ta' konsultazzjoni

Il-parti interessata ewlenija, is-Servizzi tas-Saħħa Mentali fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa Pubblika u l-Anzjanità Attiva, qablet mat-tneħħija ta' tali burokrazija żejda.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji jikkonsistu f'ħames (5) regolamenti.

4. Kummentarju

Numru tar-regolament tar-regolamenti emendatorji	**Tifsira u obbligi mqiegħda fuq l-utent**
1-Titolu	Ir-regolament 1 jipprovdi t-titolu ta' dawn ir-regolamenti emendatorji
2 - Jippreveni li wieħed imur minn tabib għall-ieħor	Ir-regolament 2 jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali fejn dawk li jippreskrivu ma jitħallewx jippreskrivu riċetti urġenti għall-amfetamini, u b'hekk jelimina x-xenarju fejn il-pazjenti jkunu jistgħu jmorru għand tobba differenti ħalli jiksbu riċetti urġenti għall-amfetamini.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

3 - Jneħħi l-ħtieġa li tikseb permess speċjali mis-SSP biex tippreskrivi	Ir-regolament 3 jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali u jelimina l-kisba ta' awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika biex jippreskrivi l-amfetamini u jelimina l-ħtieġa li jitlaqqa' bord mediku ta' speċjalisti biex japprova tali preskrizzjoni.
4 - Jneħħi l-ħtieġa li min jippreskrivi jimla r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali	Ir-regolament 4 jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali u jneħħi l-ħtieġa li t-tabib jimla r-Raba' Skeda u jinforma lis-SSP fi żmien 24 siegħa minn meta jippreskrivi l-amfetamini.
5 - Jneħħi l-ħtieġa lill-ispiżjar li joqgħod jimla l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali	Ir-Regolament 5 jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali u jneħħi l-ħtieġa li l-ispiżjar jimla l-Ħames Skeda u li jinforma lis-SSP fi żmien 24 siegħa minn meta jiddispensa l-amfetamini.

5. Sezzjoni Konklużiva

Dawn ir-regolamenti emendatorjigħandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern. Jekk tkun meħtieġa iktar informazzjoni, inti ġentilment mitlub biex tikkuntattja lis-SSP.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

No. 875

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Drugs (Control) (Amendment) Regulations, 2025 (hereinafter referred to as the "amending regulations")
Activity to be regulated	Prescribing of amphetamines by psychiatrists and doctors. The Drugs (Control) Regulations (S.L.31.18) (hereinafter referred to as the "principal regulations" are to be amended)
Responsible entity	Superintendence of Public Health (SPH)

2. Summary and background

2.1 Aims & Objectives of the legislation

To eliminate unnecessary bureaucracy in the current procedure for prescribing amphetamines (mainly dexamphetamine).

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

2.2 Importance of legislation

Removing unnecessary bureaucracy will encourage prescribers to prescribe amphetamines more readily to patients who require them.

2.3 Consultation Process

The main stakeholder, the Mental Health Services within the Ministry for Health and Active Ageing (MHA – MHS) has agreed to eliminate such unnecessary bureaucracy.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations consist of five (5) regulations.

4. Commentary

Regulation No. of the amending regulations	Meaning & obligations placed on user
1 - Citation	Regulation 1 provides the title of these amending regulations.
2 - Prevents doctor shopping	Regulation 2 amends regulation 9 of the principal regulations whereby prescribers will not be permitted to prescribe urgent prescriptions for amphetamines, thus eliminating the scenario where patients would go to different doctors for repeated urgent prescriptions for amphetamines.
3-Removes need to obtain special permission from SPH to prescribe	Regulation 3 amends regulation 13 of the principal regulations and does away with obtaining the prior authorisation in writing by the Superintendent of Public Health to prescribe amphetamines and eliminates the need to convene a medical panel of specialists to approve such prescribing.
4 - Removes the need for prescriber to fill in the Fourth Schedule to the principal regulations	Regulation 4 amends the Fourth Schedule to the principal regulations and removes the requirement of the doctor filling in the Fourth Schedule and informing SPH within 24 hours of prescribing amphetamines.
5 - Removes the need for pharmacist to fill in the Fifth Schedule to the principal regulations	Regulation 5 amends the Fifth Schedule to the principal regulations and removes the requirement of the pharmacist filling in the Fifth Schedule and informing SPH within 24 hours of dispensing amphetamines.

5. Concluding Section

These amending regulations shall come into force upon their publication in the Government Gazette. Should more information be required, kindly contact the SPH.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

6th June, 2025

Nru. 876

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'San Pawl il-Baħar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 876

NUMBERING OF DOORS AT SAN PAWL IL-BAĦAR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at San Pawl il-Baħar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
SAN PAWL IL-BAĦAR

TRIQ IT-TAMAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Turisti

Left side entering from Triq it-Turisti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Triton Mansions, Block C	1
Triton Mansions, Block D	3
Bieb imbarrat	5
Garaxx	7
Bieb bla numru	9
Grada	11
Grada	13
6, Villa Shineton	15
Villa Datek	17
Garaxx	19
Grada	21
Palm Springs	23
Grada	25
Villa Argos	27
Grada	29
Grada	31
Villa Marea	33
Grada	35
Bayside	37
Bieb bla numru	39
The Palm Court, Block A	41
Bieb bla numru	43
Bieb bla numru	45
The Palm Court, Block B	47
Bieb bla numru	49
Bieb bla numru	51

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Turisti

Right side entering from Triq it-Turisti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Ħanut	2
Ascot Court	4
Bieb bla numru	6
Bieb bla numru	8
Daħla għall-garaxxijiet	10
Oceanus (Flettijiet)	12
Daħla għall-garaxxijiet	14
Bieb bla numru	16
Tal-Gardell (Flettijiet)	18
Daħla għall-garaxxijiet	20
Aquamarine Residences (Flettijiet)	22
Daħla għall-garaxxijiet	24
Seaberry Park, Block B	26
Bieb bla numru	28
Seaberry Park, B1	30
Seaberry Park, B2	32
Seaberry Park, B3	34
Seaberry Park, B4	36
Seaberry Park, B5	38
Seaberry Park, B6	40
Seaberry Park, A5	42
Seaberry Park, A4	44
Seaberry Park, A3	46
Seaberry Park, A2	48
Seaberry Park, A1	50
Twenty 2 (Gym)	52

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	53	Bieb bla numru	54
BM 2	55	S1, Jasmar Detergent Shop (Ħanut)	56
BM 1	57	Seaberry Park, Block A	58
The Palm Court, Block B	59	Garaxx	60
Bieb bla numru	61	The Cycads (Flettijiet)	62
CM 6	63	Bieb bla numru (Annis Flats)	64
CM 5	65	Gilli Brands (Annis Flats)	66
CM 4	67	Bieb bla numru (Annis Flats)	68
Bieb bla numru	69	Bieb bla numru (Annis Flats)	70
The Palm Court, Block C	71	Sit bla bini	72
Bieb bla numru	73	Sit bla bini	74
CM 3	75	Sit bla bini	76
CM 2	77	Sit bla bini	78
CM 1	79	Sit bla bini	80
The Palm Court, Block C	81	Sit bla bini	82
Bieb bla numru	83	Sit bla bini	84
Premier (Lukanda)	85	Sit bla bini	86
Four Seasons Court	87	Sit bla bini	88
Bieb bla numru	89	Sit bla bini	90
Lea Contractors Ltd (Uffiċċju)	91	Swings Lounge Bar (Ħanut)	92
Bicycle Shop (Ħanut)	93	Christina (Flettijiet)	94
Dorne	95	Garaxx	96
Garaxx	97	Garaxx	98
2, St Mary	99	Sit bla bini	100
Golden Gate Block	101	Sit bla bini	102
Le Vel Boutique (Ħanut)	103	Sit bla bini	104
Garaxx	105	Sit bla bini	106
Bieb bla numru	107	Sit bla bini	108
Ayurgreen Health Care (Ħanut)	109	Sit bla bini	110
Joejoe's Asian Market (Ħanut)	111	Ħanut	112
French Touch Diving (Ħanut)	113	Bloomsbury Court	114
Orion Court	115	Bieb bla numru	116
Orion Court, Mais 1	117	Bieb bla numru	118
Euro Mix (Ħanut)	119	Bieb bla numru	120
Serenity (Flettijiet)	121	Seaside Flats	122
My Comfort (Ħanut)	123	Liza Flats	124
Bieb bla numru	125	Freeways Car Rental	126
The Bell (Ħanut)	127	Tamar (Flettijiet)	128
Garaxx	129	El Retiro	130
Salina Park, Block 6	131	Daħla għall-garaxxijiet	132
Edmar (Garaxx)	133	Garaxx	134

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	135	Mais 2	136
Salina Park, Block 7	137	Ephesus Court	138
Salina Park, Block 8	139	Mais 1	140
Oakley	141	Daħla għall-garaxxijiet	142
St Anthony	143	Bieb bla numru	144
Bieb bla numru	145	Delphi Court	146
Queen's Head (Ħanut)	147	Bieb bla numru	148
Arzella (Flettijiet)	149	Bieb bla numru	150
Starfish (Garaxx)	151	Bieb bla numru	152
Garaxx	153	Bieb bla numru	154
Kayton Flats	155	Jonmar	156
Bieb bla numru	157	Maria Flats	158
Katie	159	Bieb bla numru	160
Caribbean Blue	161	Bieb bla numru	162
Sit bla bini	163	Angela (Flettijiet)	164
Sit bla bini	165	Bieb bla numru	166
Sit bla bini	167	The Twins Burek (Ħanut)	168
Sit bla bini	169	Ħanut	170
Bieb bla numru	171	Bieb bla numru	172
Garaxx	173	Bieb bla numru	174
Bieb bla numru	175	Laziz (Ħanut)	176
Andrea Court	177	Kups (Restorant)	178
Sit bla bini	179	S&M Vegmix (Ħanut)	180
Sit bla bini	181	Jonero Apartments	182
Sit bla bini	183	Lorter Flats	184
Sit bla bini	185	Ħanut	186
Sit bla bini	187	Bella Vista	188
Sit bla bini	189	Garaxx	190
Sit bla bini	191	Charles Flats/Bella Vista Flat 3	192
Sit bla bini	193	Bikesi Hair Salon (Ħanut)	194
Daħla għall-garaxxijiet	195	The Meat Up (Ħanut)	196
Champagne Gardens F	197	Garaxx	198
The Convenience Shop	199	Summer Silk Court	200
Bieb bla numru	201	Garaxx	202
Champagne Gardens E	203	Precision Leak Detection (Garaxx)	204
1E	205	Chardon Court	206
2D (DD14)	207	Garaxx	208
Champagne Gardens D	209	Sit bla bini	210
Champagne Gardens DD	211	Sit bla bini	212
1DD	213	Sit bla bini	214
2C	215	Garaxx	216

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Champagne Gardens C	217	Sunrise Court	218
1C	219	Garaxx	220
2B	221	Daħla għall-garaxxijiet	222
Champagne Gardens B	223	Garaxx	224
1B	225	Tesi	226
2A	227	Janelber	228
Champagne Gardens A	229	Mediterranean Court	230
Bieb bla numru	231	Il-Girna	232
Champagne Gardens G	233	Daħla għall-garaxxijiet	234
Bieb bla numru	235	Rhodes	236
Bieb bla numru	237	Sit bla bini	238
Bieb bla numru	239	Sit bla bini	240
Bieb bla numru	241	Sit bla bini	242
Bieb bla numru	243	Daħla għall-garaxxijiet	244
Bieb bla numru	245	Spiteri Court B	246
The Quay, Block C	247	B3, Sol In Mar	248
The Quay, C2	249	B2, Holbrook	250
MD 1	251	Spiteri Court A	252
The Quay, Block D	253	Fisherman's Cove	254
Bieb bla numru	255	Basement	256
Garaxx	257	Sit bla bini	258
Garaxx	259	Sit bla bini	260
Bieb bla numru	261	Sit bla bini	262
Cavalli Mansions, Block F	263	Sit bla bini	264
Bieb bla numru	265	Sit bla bini	266
Glory Beauty Salon (Ħanut)	267	Sit bla bini	268
Bieb imbarrat	269	Sit bla bini	270
Bieb imbarrat	271	Sit bla bini	272
Bieb imbarrat	273	Water Lily, Mais 2	274
Coral Flats	275	Water Lily, Mais 1	276
Ħanut	277	Daħla għall-garaxxijiet	278
Ħanut	279	Daħla għall-garaxxijiet	280
Sit bla bini	281	ResidenSea, Block B	282
Sit bla bini	283	ResidenSea, Block A	284
Sit bla bini	285	Basement	286
Sit bla bini	287	Sardinella Apartments	288
Sit bla bini	289	Ħarruba	290
Sit bla bini	291	Ġiżimina Apartments	292
Garaxx	293	Żebbuġa	294
Emanuel Gauci Maisons	295	Ċipress	296
Garaxx	297	Oleander Apartments	298

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Victoria Court	299
Garaxx	301
Crown Court	303
Bieb bla numru	305
Daħla għall-garaxxijiet	307
Marcon Court	309
Garaxx	311
Shambala	313
Bieb bla numru	315
Sea Crest, Block A	317
A4	319
Dolce Vita (Flettijiet)	321
Lea Shan	323
Josmar	325
Garaxx	327
JoeKate Court	329
St Mark	331
Garaxx	333
Mar-Reno Apartments	335
Basement	337
DBR Group (Uffiċċju)	339
Garaxx	341
Garaxx	343

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	300
Sit bla bini	302
Sit bla bini	304
Daħla għall-garaxxijiet	306
Bieb bla numru (Flettijiet)	308
Pacific Court	310
Daħla għall-garaxxijiet	312
Basement	314
ME 2	316
Cavalli Mansions, Block E	318
ME 1	320
MD 2, Utopia	322
Cavalli Mansions, Block D	324
MD 1, Amante	326
MC 2	328
Cavalli Mansions, Block C	330
MC 1	332
MB 2, La Pom	334
Cavalli Mansions, Block B	336
BM 1, Jade	338
MA 4	340
Cavalli Mansions, Block A	342
MA 3	344
Dave's (Ħanut)	346
Emanuel Court	348
Garaxx	350
Daħla għall-garaxxijiet	352
Bieb imbarrat	354
Prince Court	356
Garaxx	358
Daħla għall-garaxxijiet	360
Grandsite C (Flettijiet)	362
23 (Garaxx)	364
Garaxx	366
Grandsite B (Flettijiet)	368
Garaxx	370
30, Grandsite	372
Bieb bla numru	374
Bieb bla numru	376
Emm Joy Court	378
Daħla għall-garaxxijiet	380

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Bieb bla numru (Flettijiet)	382
		Bieb bla numru	384
		Bieb bla numru	386
		Lavender Court	388
		Bieb bla numru	390
		Garaxx	392
		Garaxx	394
		Nardelles	396
		Garaxx	398
		Bieb bla numru	400
		Sapphire Court, Mais 2	402
		Sapphire Court	404
		1, Oasis	406
		Garaxx	408

Is-6 ta' Ġunju, 2025

Nru. 877

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.6.2025	€94.593	€0.972

6th June, 2025

No. 877

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Is-6 ta' Ġunju, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 123

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-

6th June, 2025

POLICE NOTICE

No. 123

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies

Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar is-Sibt, 7 ta' Ġunju, 2025, mill-5.00 p.m. sal-11.59 p.m., hemm bżonn ta' clearance fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn Triq Ċensu Borg sa Pjazza San Pawl u Triq Dun Nerik Cordina Perez.

Il-kunsill lokali qiegħed jitlob li t-traffiku jkun devjat kif ġej:

Mill-Belt Valletta għall-Marsa Park and Ride – mhux affettwat jew devjat lejn Triq Ħal Qormi (2-way)/jew Triq Schembri

Mir-Rabat/Ta' Qali/Birkirkara – devjat lejn Triq il-Lunzjata

Mill-Marsa Park and Ride/Ħal Qormi għal Belt Valletta – devjat lejn Triq Ħal Qormi li tinbidel fi triq 2-way.

Hemm bżonn ta' clearance u t-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2025, mid-9.30 a.m. sal-10.30 a.m., minn Triq Anton Buttigieg, Triq San Gejtanu, Triq San Vincenz inkluż l-isqaq, Triq Cordina Perez u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-knisja.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2025, mit-8.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn ħdejn il-mużew tal-bniet fi Triq Villambrosa, Triq Fra Diegu u Triq il-Kbira San Ġużepp.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025, mit-3.30 p.m. sat-8.30 p.m., hemm bżonn ta' clearance u għeluq ta' Triq il-Franġiskani (clearance mill-kantuniera ma' Triq Lord Byron).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn ħdejn il-knisja parrokkjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Atocia u Triq Ħal Qormi.

that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħamrun

On Saturday, 7th June, 2025, from 5.00 p.m. to 11.59 p.m., clearance is required in Triq il-Kbira San Ġużepp from Triq Ċensu Borg to Pjazza San Pawl and Triq Dun Nerik Cordina Perez.

The local council is requesting the traffic to be diverted as follows:

From Valletta to Marsa Park and Ride – not affected or diverted to Triq Ħal Qormi (2-way)/or Triq Schembri

From Rabat/Ta' Qali/Birkirkara – diverted to Triq il-Lunzjata

From Marsa Park and Ride/Ħal Qormi to Valletta – diverted to Triq Ħal Qormi which gets converted into a 2-way street.

Clearance is required and public transport will be affected;

On Sunday, 15th June, 2025, from 9.30 a.m. to 10.30 a.m., through Triq Anton Buttigieg, Triq San Gejtanu, Triq San Vincenz including the alley, Triq Cordina Perez and Triq il-Kbira San Ġużepp to the church.

No clearance is required.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected;

On Sunday, 22nd June, 2025, from 8.00 a.m. to 9.30 a.m., through near the girls' religious museum in Triq Villambrosa, Triq Fra Diegu and Triq il-Kbira San Ġużepp.

No clearance is required.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected;

On Thursday, 26th June, 2025, from 3.30 p.m. to 8.30 p.m., closure and clearance are required in Triq il-Franġiskani (clearance from corner with Triq Lord Byron).

Public transport will be affected;

On Friday, 27th June, 2025, from 5.00 p.m. to 9.30 p.m., through near the parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Atocia and Triq Ħal Qormi.

Hemm bżonn ta' clearance.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Minn nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025 sal-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2025, hemm bżonn ta' clearance fi Pjazza Kappillan Muscat (parkeġġ u dħul huma projbiti).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar is-Sibt, 28 ta' Ġunju, 2025, mis-7.00 p.m. sal-10.30 p.m., minn Triq Manuel Magri, Triq Villambrosa, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq il-Kappillan Mifsud u Pjazza Kappillan Muscat.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2025, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn ħdejn il-kwartieri tal-iscouts fi Triq il-Ferrovija, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Manuel Magri, ħdejn il-knisja parrokkjali, Triq Villambrosa, Triq id-Duluri u Triq Maitland.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Lulju, 2025, mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m., minn Triq Manuel Magri u hemm bżonn clearance tal-ewwel tliet spazji ta' parkeġġ minn quddiem id-dar parrokkjali fl-istess triq mill-5.00 p.m.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Manuel Magri (hemm bżonn clearance tal-ewwel tlett spazji ta' parkeġġ tal-istess triq mill-5.00 p.m.) u Triq il-Kappillan Mifsud.

It-trasport pubbliku se jkun devjat u dħul huwa projbit;

Nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025, mis-7.30 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kappillan Mifsud, il-pjazza, Triq il-Kappillan Valletta, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Liċew, Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq Manwel Magri ħdejn il-knisja, Triq Ġużè Pace, Triq Pace Forno, Triq Vincenzo Bugeja, Triq il-Lunzjata, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq Barth, Triq Lord Byron u Triq Adelaide Cini.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Mit-8.00 p.m. tal-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025 sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025, Triq il-Kappillan Mifsud se tkun magħluqa.

It-trasport pubbliku se jkun devjat u dħul huwa projbit;

Clearance is required.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected;

From Friday, 27th June, 2025 to Sunday, 13th July, 2025, clearance is required in Pjazza Kappillan Muscat (parking and trespassing are prohibited).

Public transport will be affected;

On Saturday, 28th June, 2025, from 7.00 p.m. to 10.30 p.m., through Triq Manuel Magri, Triq Villambrosa, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq il-Kappillan Mifsud and Pjazza Kappillan Muscat.

Public transport will be affected;

On Monday, 30th June, 2025, from 6.00 p.m. to 8.00 p.m., through near the scouts' headquarters in Triq il-Ferrovija, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Manuel Magri, near the parish church, Triq Villambrosa, Triq id-Duluri and Triq Maitland.

Public transport will be affected;

On Tuesday, 1st July, 2025, from 5.00 p.m. to 10.30 p.m., through Triq Manuel Magri and clearance of the first three parking spaces from in front of the parish home in the same street is required from 5.00 p.m.

Public transport will be affected;

On Wednesday, 2nd July, 2025, from 5.00 p.m. to 1.00 a.m., through Triq Manuel Magri (clearance of the first three parking spaces is required from 5.00 p.m.) and Triq il-Kappillan Mifsud.

Public transport will be diverted and no trespassing is allowed;

On Thursday, 3rd July, 2025, from 7.30 p.m. to midnight, through Triq il-Kappillan Mifsud, the square, Triq il-Kappillan Valletta, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Liċew, Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq Manwel Magri near the church, Triq Ġużè Pace, Triq Pace Forno, Triq Vincenzo Bugeja, Triq il-Lunzjata, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq Barth, Triq Lord Byron and Triq Adelaide Cini.

Public transport will be affected;

From 8.00 p.m. of Thursday, 3rd July, 2025 to 1.00 a.m. of Friday, 4th July, 2025, Triq il-Kappillan Mifsud will be closed.

Public transport will be diverted and no trespassing is allowed;

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kappillan Mifsud.

Hemm bżonn ta' clearance, it-trasport pubbliku se jkun devjat u dħul huwa projbit;

Mill-5.30 p.m. tal-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Lulju, 2025, minn Triq Wenzu Mallia, Triq Qrejten (il-parti li tmiss ma' Pjazza Kappillan Muscat) u Triq il-Fatati.

Hemm bżonn ta' clearance fil-parkeġġ ta' Triq Qrejten u t-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Gimgħa, 4 ta' Lulju, 2025, mill-4.45 p.m. sat-8.30 p.m., minn ħdejn il-knisja tas-Samra fi Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq Atocia, Triq San Franġisk, Triq Barbara u Triq Vitorja.

Hemm bżonn ta' clearance;

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar is-Sibt, 5 ta' Lulju, 2025, mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn ħdejn il-knisja parrokkjali, Triq Manuel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat and Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Mimosa kantuniera ma' Triq l-Isptar, Triq id-Duluri, Triq Nuzzo, Triq Alexander, Triq Joe Sciberras, Triq Mimosa, Triq Danny Cremona, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq Qrejten, Triq Wenzu Mallia u Triq il-Kappillan Valletta.

It-trasport pubbliku se jkun devjat u dħul huwa projbit.

Mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 5 ta' Lulju, 2025 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Lulju, 2025, parkeġġ u dħul huma projbiti fi Triq Joe Sciberras kantuniera ma' Triq Mimosa.

It-trasport pubbliku se jkun devjat;

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Lulju, 2025, mid-9.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Kappillan Mifsud minn ħdejn il-każin, Triq Manuel Magri, Triq id-Duluri, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Sqaq Numru 1, Triq Pawlu Burlò, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Indrì Cilia, Triq Ġużè Maria Camilleri, Triq Villambrosa u Triq il-Franġiskani.

Hemm bżonn clearance ta' Pjazza Kappillan Muscat u ż-żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kappillan Mifsud mid-9.00 a.m.

Hemm bżonn ta' clearance, it-trasport pubbliku se jkun devjat u dħul huwa projbit;

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025, mis-6.30 p.m. sal-10.00 pm.., minn Triq Manuel Magri quddiem id-dar parrokkjali

On Friday, 4th July, 2025, from 4.00 p.m. to midnight, through Triq il-Kappillan Mifsud.

Clearance is required, public transport will be diverted and no trespassing is allowed;

From 5.30 p.m. of Friday, 4th July, 2025 to 2.00 a.m. of Sunday, 6th July, 2025, through Triq Wenzu Mallia, Triq Qrejten (the part siding with Pjazza Kappillan Muscat) and Triq il-Fatati.

Clearance is required in Triq Qrejten's parking and public transport will be affected;

On Friday, 4th July, 2025, from 4.45 p.m. to 8.30 p.m., through near Tas-Samra's church in Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq Atocia, Triq San Franġisk, Triq Barbara and Triq Vitorja.

Clearance is required;

Closure of street will take place as required and public transport will be affected;

On Saturday, 5th July, 2025, from 5.00 p.m. to 2.00 a.m., through near the parish church, Triq Manuel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat and Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Mimosa corner with Triq l-Isptar, Triq id-Duluri, Triq Nuzzo, Triq Alexander, Triq Joe Sciberras, Triq Mimosa, Triq Danny Cremona, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq Qrejten, Triq Wenzu Mallia and Triq il-Kappillan Valletta.

Public transport will be diverted and no trespassing is allowed;

From 5.00 a.m. of Saturday, 5th July, 2025 to 2.00 a.m. of Sunday, 6th July, 2025, no parking and trespassing are allowed in Triq Joe Sciberras corner with Triq Mimosa.

Public transport will be diverted;

On Sunday, 6th July, 2025, from 9.00 a.m. to 11.30 p.m., through Triq il-Kappillan Mifsud from near the club, Triq Manuel Magri, Triq id-Duluri, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Sqaq Numru 1, Triq Pawlu Burlò, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Indrì Cilia, Triq Ġużè Maria Camilleri, Triq Villambrosa and Triq il-Franġiskani.

Clearance of Pjazza Kappillan Muscat and the first two parking spaces of Triq il-Kappillan Mifsud from 9.00 a.m.

Clearance is required, public transport will be diverted and no trespassing is allowed;

On Monday, 7th July, 2025, from 6.30 p.m. to 10.00 p.m., through Triq Manuel Magri in front of the parish home and

u hemm bżonn clearance tal-ewwel tlett spazji ta' parkeġġ tal-istess triq.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Marsa

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2025, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn ħdejn il-headquarters tal-iscouts fi Triq il-Marsa, Triq Isouard, Triq Nerik Sacco u ħdejn il-knisja.

M'hemmx bżonn ta' clearance;

Nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju, 2025, mis-6.00 p.m. sat-8.15 p.m., minn Triq Nerik Sacco, Triq il-Jum, Triq Xemxija, Triq San Franġisk, Triq Ħal Qormi, Triq Assunta u Triq Isouard.

Hemm bżonn ta' clearance quddiem il-knisja ta' Maria Reġina fi Triq Nerik Sacco.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2025 mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq Santa Marija ħdejn il-knisja u Triq G.M. Farrugia.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2025, mill-4.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq Ġilormu Cassar bejn il-Monument tal-Gwerra u Pjazza Kastilja u Triq Papa Piju V bejn Pjazza Kastilja u l-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn.

Birżebbuġa

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2025 mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Gżira, Triq iż-Żebbuġ u Triq San Stiefnu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2025 mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Gżira, Triq iż-Żebbuġ, Triq San Stiefnu, Triq it-Tankijiet u Dawret il-Qalb Imqaddsa.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ħad-Dingli

Mis-6.00 a.m. tal-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2025 sa nofsillejl tat-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2025, minn Misraħ Triq il-Vitikulturisti u Triq Sabbat.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 -4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 - 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 20th June, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171. Dawn id-diżpożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-diviżjoni huma (http://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

Is-6 ta' Ġunju, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Scientific Officer (Data Analyst)
fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Managment), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għallpost ta' Scientific Officer (Data Analyst) fis-Saħħa, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Scientific Officer (Datal Analyst) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2025 huwa ta' €25,570.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €28,017.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Scientific Officer (Data Analyst titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra tali, u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti

2.5 Dan il-post/pożizzjoni ġie identifikat bħala 'post/pożizzjoni hekk identifikat' għall-finijiet ta' subartikolu 5 tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta) u skont id-Direttiva 14.1 maħruġa

access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving division are (http://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

6th June, 2025

MINISTRY FOR HEALTH
AND ACTIVE AGEING

Post of Scientific Officer (Data Analyst)
in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Health and Active Aging, invites applications for the post of Scientific Officer (Data Analyst) within the Ministry for Health and Active Ageing

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Scientific Officer (Data Analyst) is Salary Scale 10, which in the year 2025 is equivalent to, €25,570.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €28,017.00.

2.3 A Scientific Officer (Data Analyst) will progress to Scale 9 (€27,145.02x €447.33 - €29,829.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in the pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.5 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the

mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fit-3 ta' Awwissu, 2023, li jinvolvi funzjonijiet regolartorji/ta' spettorat (agħżel skont kif applikabbli). Il-kundizzjonijiet rilevanti elenkati fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u f'Direttiva 14.1 japplikaw. (Daħħal il-paragrafu jekk u kif applikabbli).

2.6 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Scientific Officer (Data Analyst) huma:

i. Jiġġestixxi databases u kif ukoll inaddaf, jittrasforma u janalizza settijiet ta' data bl-użu ta' software statistiku inkluż użu avvanzat ta' profiċjenza ta' Microsoft Excel u programmi statistiċi bħal R;

ii. Jiżviluppa programmi ta' sorveljanza strutturati, orjentati lejn l-oġġetti u funzjonali bl-użu ta' programmazzjoni bħal Python;

iii. Jipproduċi sorveljanza u mudelli epidemjoloġiċi;

iv. B'mod indipendenti jmexxi u jikkordina proġetti relatati mad-data u proġetti oħra mill-konċepiment sat-tlestija, filwaqt li jiżgura twassil f'waqtu tar-riżultati u komunikazzjoni effettiva tas-sejbiet;

v. Janalizza settijiet ta' data kumplessi biex jikxef xejriet, inkluż it-tindif, it-trasformazzjoni u l-kombinazzjoni ta' data minn sorsi varji ta' data relatata mas-saħħa;

vi. Isolvi l-problemi tal-IT relatati mas-sistemi tad-data u d-databases fi ħdan il-unit tal-kontroll tal-infezzjonijiet. Joħloq viżwalizzazzjonijiet ta' data ċari u ta' impatt, inklużi mapep u rapporti, biex jikkomunika b'mod effettiv is-sejbiet lil udjenzi differenti;

Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.6 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available here).

Duties

3. 1 The job duties for the post of Scientific Officer (Data Analyst) are:

i. Manages databases and as well as cleans, transforms and analyzes datasets using statistical software including advanced proficiency use of Microsoft Excel and statistical programmes such as R;

ii. Develops structured, object-oriented and functional surveillance programmes using programming such as Python;

iii. Produces surveillance and epidemiological models;

iv. Independently leads and coordinates data related and other projects from conception to completion, ensuring timely delivery of results and effective communication of findings;

v. Analyses complex datasets to uncover treads, including cleaning, transforming and combining data from various health-related data sources;

vi. Troubleshoots IT issues related to data systems and databases within the infection control unit. Create clear and impactful data visualizations, including charts and reports, to effectively communicate findings to diverse audiences;

vii. Jiddisinja u jiżviluppa formoli skont l-istandards għall-ġbir tad-data biex jiżgura qbid tad-data preċiż u konsistenti;

viii. Jikkordina u jappoġġja l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-data ta' kuljum b'mod effiċjenti u effettiv; jikkollabora u jipparteċipa mal-membri l-oħra tad-Dipartiment tal-Kontroll tal-Infezzjonijiet fil-kwalità u l-attivitajiet u l-inizjattivi u jżomm kuntatt mal-maniġment superjuri;

ix. Jikkontribwixxi lejn l-għanijiet tal-governanza tad-data;

x. Jappoġġja proġetti li jaqgħu taħt il-mandat tad-Dipartiment tal-Kontroll tal-Infezzjonijiet;

xi. Imexxi u jikkontribwixxi b'mod attiv għal inizjattivi u rekwiżiti biex iwettaq il-kompiti b'suċċess u fil-ħin;

xii. Jipprovdi sorveljanza tal-ġestjoni tal-proġetti għall-inizjattivi dipartimentali u jimmonitorja l-pjanijiet ta' ħidma, inkluż il-progress u l-iskadenzi tal-proġetti assenjati u jiżgura effiċjenza massima fl-esekuzzjoni tal-proġetti għall-istandards ta' kwalità meħtieġa;

xiii. Jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tal-proċessi tax-xogħol fid-dipartiment;

xiv. Jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-data u strateġiji relatati;

xv. Iwettaq dmirijiet ta' teħid ta' minuti fil-laqgħat dipartimentali;

xvi. Jikkomunika ma' entitajiet oħra biex jiżgura kordinazzjoni bla xkiel tal-attivitajiet u l-prijoritajiet tal-ġestjoni tad-data;

xvii. Isegwi d-deċiżjonijiet meħuda mill-Konsulent i/c Dipartiment tal-Kontroll tal-Infezzjonijiet biex jiżgura l-implimentazzjoni u jindirizza d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

xviii. Jiżgura li d-data tkun maħżuna b'mod korrett, aġġornata, u sa rekwiżiti ta' kwalità u konformi mar-regolamenti tal-GDPR;

xix. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xx. Kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

vii. Designs and develops standardized data collection forms to ensure accurate and consistent data capture;

viii. Coordinates and supports day-to-day data management operations in an efficient and effective manner; collaborates and participates with the other members of the Infection Control Department in quality and activities and initiatives and keeps in contact with senior management;

ix. Contributes towards data governance goals;

x. Supports projects falling under the remit of the Infection Control Department;

xi. Leads and actively contributes to initiatives and requirements to successfully fulfil the tasks in a timely manner;

xii. Provides project management oversight to departmental initiatives and monitor work plans, including progress and deadlines of assigned projects and ensure maximum efficiency in the projects execution to the required quality standards;

xiii. Provides advice and recommendations on matters related to the improvement of work processes in the department;

xiv. Facilitates the implementation of data and related strategies;

xv. Performs minute-taking duties in departmental meetings;

xvi. Communicates with other entities to ensure a smooth coordination of data management activities and priorities;

xvii. Follow the decisions taken by the Consultant i/c Infection Control Department to ensure implementation and address encountered difficulties;

xviii. Ensures that data is correctly stored, up to date, and up to quality requirements and compliant with GDPR regulations;

xix. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xx. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be requested to perform duties in any of the health care services in the Government of Malta at the discretion of the management.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

4.1 (ii) (a) Profiċjenti fil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, kandidati li m'humiex profiċenti fil-lingwa Maltija xorta ser jiġu kkunsidrati imma għandhom jipprovdu evidenza ta'

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

4.1 (ii) (a) Proficient in the Maltese Language. However, candidates who do not possess proficiency in the Maltese language will still be considered but must provide evidence of

profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma filħatra li hi fi żmien sena mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Universita' ta' Malta.

U

(b) profiċjenti fil-lingwa Ingliża, billi jipprovdu sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

JEW

jipprovdu sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (International English Language Testing System) ta' band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni, qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE / Cambridge Grad Ċ, TOEFL (IBT): 60-80, CEFR: B2 ikunu aċċettati;

JEW

jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full-time bħala Scientific Officer fir-Renju Unit jew fl-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor li jitkellmu l-Ingliż fejn l-Ingliż huwa l-lingwa primarja u/jew uffiċjali.

U

iii. Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta ta' Baċellerat fil-Livell MQF 6 (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fl-Istatistika, Xjenza tal-Kompjuter, Xjenzi Applikati tad-Data. Il-kwalifiki tal-Livell 6 tal-MQF f'suġġetti oħra tax-xjenza se jiġu aċċettati wkoll minn kandidati li jkunu ħadu taħriġ u/jew li għandhom esperjenza bħal Python u/jew R.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent formali MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għaddispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

Uffiċjali pubbliċi jistgħu japplikaw għal grad inqas anke jekk mhux ikkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom.

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu

basic proficiency in the Maltese Language before confirmation of appointment, which is within one (1) year of engagement by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 at the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 run by the Department of Maltese of the University of Malta.

AND

(b) proficient in the English Language either by providing proof by the interview date, that the primary qualification was undertaken in the English language;

OR

by providing by the interview date, a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) of average band score of 6 or above in the listening, reading, writing and speaking domains. A certified equivalent qualification to IELTS (Overall Band Score 6) e.g. GCSE/ Cambridge: Grade C, TOEFL (IBT): 60-80, CEFR: B2 will also be accepted.

OR

by providing documentation showing at least 6-month Full Time Equivalent certified work experience as a scientific officer or equivalent or superior in the United Kingdom, Ireland or any other English Speaking country where English is the primary and/ or the official language.

AND

iii. In possession of a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Statistics, Computing Science, Applied Data Sciences. MQF Level 6 qualifications in other science subjects will also be accepted from candidates who have undertaken training and/or have experience in programming with Python and/or R.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers may apply for a lower grade even if not confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit

kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbilta' meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications. The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valleta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti; applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 - 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of thePeople Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1:30 pm (Central European Time) of Friday, 20th June, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;

eżami mediku;

proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valleta, VLT1171. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-diviżjoni huma (https://sahha.gov.mt u (recruitment.health@gov.mt).

Is-6 ta' Ġunju, 2025

medical examination;

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving division are (https://health.gov.mt and (recruitment.health@gov.mt).

6th June, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjoni:
Uffiċjal tal-Monitoraġġ

Referenza tal-permess tal-Jobsplus Numru 75/2025

L-applikanti għandu jkollhom

Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u Ingliża,

Jippreżentaw Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola,

Jippreżentaw kondotta nadifa riċenti tal-Pulizija,

'Pass' fil-ħilijiet tal-applikazzjoni tal-uffiċċju tal-IT komparat ma' Livell 3 tal-MQF.

Esperjenza relatata mal-infurzar lokali tkun ikkunsidrata bħala ta' vantaġġ għall-impieg.

Il-kandidati interessati għandhom jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (hr.lesa@lesa.gov.mt), jew ippreżentat bl-idejn fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju, 2025, fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha huma rikonoxxuti u trattati bl-aktar kunfidenza stretta.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for application:
Monitoring Officer

Ref. Jobsplus Permit Number 75/2025

Applicants must:

Be proficient in the Maltese and English languages,

Produce a School Leaving Certificate,

Produce a recent clean Police Conduct,

A pass in IT Office Application Skills equivalent to MQF Level 3.

Experience related to local enforcement will be considered an asset.

Interested candidates have to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@lesa.gov.mt), or presented by hand at LESA Administration Building, Human Resources Office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Friday, 20th June, 2025, at 4.00 p.m.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

6th June, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Animatur/Animatriċi tal-Qari għal Għawdex

Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/214)

Għan

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tfittex animatur jew animatriċi tal-qari fuq bażi ta' kuntratt għas-servizz sabiex j/tagħti sessjonijiet interattivi ta' qari lit-tfal matul is-Sajf 2025, f'Għawdex.

Ix-Xogħol

Il-kandidat/a magħżula se tkun qed tagħti sessjonijiet ta' qari ta' stejjer maħsuba biex irawmu l-imħabba għall-kotba fost it-tfal bejn it-3 u l-14-il sena u jsostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu.

Il-kandidat magħżul mistenni jagħti 154 siegħa ta' servizz bejn is-7 ta' Lulju, 2025 u t-12 ta' Settembru, 2025, iż-żewġ dati inklużi. Is-servizz hu meħtieġ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 sa nofsinhar, ħlief f'jiem ta' festi pubbliċi u fil-ġimgħa ta' Santa Marija, mill-11 sal-14 ta' Awwissu. Is-sessjonijiet tal-qari se jsiru erbat ijiem fil-ġimgħa bħala parti mill-iskola tas-sajf li se tkun organizzata f'Ta' Sannat. Il-preparazzjoni għas-sessjonijiet issir fil-ġurnata l-oħra miċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu li għandha l-Aġenzija, ix-Xagħra.

Il-kandidati magħżula se jkunu responsabbli lejn il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

L-Animatur/animatriċi tal-Qari se j/tkun responsabbli għal dawn:

1. Id-disinn, it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' sessjonijiet ta' qari ta' kwalità għolja bl-użu ta' riżorsi multisensorjali;

2. L-iżgurar ta' immersjoni sħiħa fil-lingwa jew bil-Malti jew bl-Ingliż matul kull sessjoni;

3. Il-promozzjoni tas-self tal-kotba u l-imħabba lejn il-qari;

4. Iż-żamma ta' rekords korretti tal-attendenza u tas-sessjonijiet;

5. Iż-żamma ta' standards għoljin ta' prattika u mġiba professjonali, inkluż il-puntwalità u l-ilbies xieraq;

6. Il-kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti biex jiġu żgurati esperjenzi ta' kwalità u effettivi.

NATIONAL LITERACY AGENCY

Reading Animator for Gozo

Expression of Interest (Ref. 25/214)

Objective

The National Literacy Agency (NLA) is seeking to engage a Reading Animator on a contract-for-service basis to provide animated reading sessions for children in Summer 2025 in Gozo.

Scope

The selected Reading Animator will deliver engaging reading sessions designed to foster a love for books and support the literacy development of children aged 3 to 14 years.

The Reading Animator is expected to provide 154 hours of service between 7th July, 2025 and 12th September, 2025, both days included. Service is required every weekday (Monday to Friday), from 08.30 to noon, excluding public holidays and service shutdown period from 11th to 14th August, both days included. Sessions will be delivered on four days weekly at the summer school being organised at Ta' Sannat. Preparation will take place on the remaining day at the NLA Literacy Resource Centre, Xagħra.

The selected candidates will report to the CEO of the National Literacy Agency or a delegated representative.

Duties and Responsibilities

The Reading Animator will be responsible for:

1. Designing, preparing, and leading the delivery of high-quality reading sessions using multisensory resources;

2. Ensuring full language immersion in either Maltese or English during every session;

3. Promoting book borrowing and reading habits;

4. Maintaining accurate attendance and session records;

5. Maintaining high standards of professional practice and behaviour, including punctuality and appropriate dress attire;

6. Collaborating with relevant stakeholders to ensure quality and effective literacy experiences.

Termini ta' Ħlas

Ir-rata ta' ħlas hija ta' €13.74 fis-siegħa. Biex ikun jista' jsir il-ħlas, trid tintbagħat it-timesheet, kif ukoll invoice li tkopri s-sigħat li nħadmu.

Spejjeż

Il-kandidat magħżul jista' jissellef, mingħajr spejjeż, kotba u riżorsi oħra disponibbli miċ-Ċentri tar-Riżorsi tal-Litteriżmu li għandha l-Aġenzija. Jekk il-persuna magħżula jkollha spejjeż fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086) dawn għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhu se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Kriterji ta' Eliġibilità

Biex ikunu eliġibbli, il-kandidati jrid ikollhom:

Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF (180 ECTS) f'qasam rilevanti (Edukazzjoni, Studji Teatrali, Lingwi)* jew ekwivalenti jew ogħla.

Ċertifikat taċ-ĊES (Livell 3 tal-MQF) bi Grad 1 sa 5 kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż, jew kwalifika ekwivalenti jew ogħla f'dawn is-suġġetti.

*Applikanti bil-Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF f'oqsma oħra minn dawk imsemmija jridu jipprovdu spjega bil-miktub għaliex jemmnu li l-kwalifika tagħhom hija rilevanti. Id-deċiżjoni finali dwar ir-rilevanza hija fil-kompetenza tal-bord tal-għażla.

Il-kandidati eliġibbli jintalbu jattendu għal intervista bħala parti mill-proċess ta' għażla.

Kif Tapplika

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien CV (fil-format tal-European Curriculum Vitae), kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 18 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Is-6 ta' Ġunju, 2025

Payment Terms

The hourly payment rate is €13.74 per hour. Payment is subject to the submission of a monthly timesheet and invoice reflecting hours worked.

Costs

The selected candidate may borrow, free of charge, any of the books and other literacy resources available from the Agency's Literacy Resource Centres. If the selected candidate incurs any costs in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/214), these must be covered exclusively by the candidate. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by the selected candidate in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Eligibility Criteria

To be eligible, applicants must meet the following criteria:

Bachelor's MQF Level 6 degree (180 ECTS) in a relevant field (including Education, Theatre Studies, Languages)* or equivalent or higher.

A pass at SEC Level (MQF Level 3) with Grades 1 to 5 in both Maltese and English, or an equivalent or higher qualification in these subjects.

*Applicants holding a Bachelor's MQF Level 6 degree in fields other than those mentioned above must provide a written justification of the relevance of their degree. The final determination of relevance rests solely with the selection board.

Shortlisted applicants will be required to attend an interview as part of the selection process.

How to Apply

Candidates should submit their letter of application, together with a CV (European Curriculum Vitae format), a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Wednesday, 18th June, 2025, at noon. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained by sending an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

6th June, 2025

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza għal Executive (Policy and Training)

(Nru tal-permess tal-Jobsplus: 483/2025)

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) hija ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 8 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

L-Executive (Policy and Training) irid ikollu fil-pussess tiegħhu:

Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*), f'Antropoloġija, Humanitarian Action, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali

JEW

Kwalifika ta' Baċċelerat rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti**), f'Antropoloġija, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Humanities, Social Policy, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza f'xogħol simili

JEW

